

Brussell, 14 ta' Settembru 2026
(OR. en)

11753/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0219(NLE)

AELE 66
FL 34
ISL 44
N 70
MI 767
ENER 511

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (Kodiċi tan-network dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda
tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE
(Kodiċi tan-network dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj>.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Huwa xieraq li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/460³ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/1994/1/oj.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/460 tas-16 ta’ Marzu 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass (ĠU L 72, 17.3.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/460/oj>).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
